BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 11/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 29 ta' Awwissu 2013 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit (Agenda 2 – 6)** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **Is-Sur Stanley Zammit (Agenda 1)** |

## ***<u>AĠENDA -1</u>***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 10/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. C.Muscat ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 10/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***<u>AĠENDA -2</u>***

*01/08 -* Il-Kumpanija Greenpak qed tistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu sehem fi proġett *'Treasures for Inspire'* fejn ser jinġabru ħwejjeġ użati fil-lokalitajiet b'risq l-*Inspire*. Wara diskussjoni l-Kamra faħħret din l-inizjattiva u qablet fil-prinċipju li tieħu sehem f'dan il-proġett dment li ma jkunx jinħtieġ li l-ħwejjeġ jinżammu l-Kunsill Lokali, minħabba problema ta' spazju. Ukoll il-Kamra ssuġġeriet li minflok tqassam *flyers,* tipprovdi lill-Greenpak *advert* fil-*magazine* li ser jitqassam lir-residenti f'Ottubru li ġej.

*02/08 -* Tressqet talba mill-*Malta Taekwondo Federation* sabiex nhar l-20 ta' Settembru isir *open air tournament* quddiem it-Teatru Grieg fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

*03/08 -* Wara laqgħa li saret ma' rappreżentanti mis-Sigurta' Soċjali, fejn ġiet diskussa l-possibbilta' li l-Kunsill jidħol bi sħab ma' din l-entita' sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jirċievu bosta servizzi soċjali mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, ġie preżentat fuq il-mejda tal-Kamra l-ftehim li wieħed irid jidħol għalih. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tibda toffri dan is-servizz lir-residenti mix-xahar ta' Ottubru 2013; kull nhar ta' Ħamis bejn it-tmienja ta' filgħodu u nofsinhar.

***AĠENDA -3***

Tpoġġa fuq il-Kamra r-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena April – Ġunju 2013. Il-Kamra approvat dan ir-rapport. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali m'hijiex tajba minħabba *commitments* kbar li daħal għalihom il-Kunsill Lokali u għaldaqstant xogħol li jista' jistenna għandu jsir aktar tard fis-sena meta s-sitwazzjoni finanzjarja tkun waħda aħjar.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjoni tal-Provista ta' *Photocopy paper* Nru. 06/13.

| **Isem** | **TND No.** | **Item No. 1 (A4)** | **Item No. 2 (A3)** | **Rimarki** |
|---|---|---|---|---|
| Smart Office Supplies | 1 | €13.27 | €12.98 | |
| Thegofer Ltd | 2 | €14.27 | € 8.956 | |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-fornitur Nru. 1 *Smart Office Supplies* għall-provista ta' A4 *photocopy paper* u lill-fornitur Nru. 2 *Thegofer Ltd.* għall-provista ta' A3 *photocopy paper*, minħabba li kienu l-orħos.

***AĠENDA -5***

Tressqu l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Awwissu 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi, il-Kamra qablet li titħallas is-somma ta' €129594.63 skont skeda Nru. 08/13.

***AĠENDA -6***

1. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li:

   - fit-2 ta' Settembru fis-6.30pm ser issir laqgħa pubblika għar-residenti fir-rigward tar-Reviżjoni tal-Pjan Lokali.

   - ser jinbeda l-proċess sabiex il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa japplika għal *Bye-Law* fir-rigward ta' reklamar fuq *Street Furniture*, kif ukoll sabiex jirregolarizza *camping* fil-lokal.

- il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk qiegħed jaħdem fuq *Bye-Law* fuq Swieq fil-Beraħ u tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa flimkien ma' oħrajn ġie mistieden sabiex kemm il-darba jkun interessat ikun jista' jidħol flimkien ma' Marsaxlokk u lokalitajiet oħra interessati sabiex titfassal din il-*Bye-Law*. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha turi nteress u tingħaqad ma' Marsaxlokk għat-tfassil tal-*Bye-Law*.

- ix-xogħlijiet minn TM fi Triq Għar Dalam se jibdew fil-ġranet li ġejjien.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- issuġġerixxa li għandhom jinbdew taħdidiet mal-persuni kkonċernati sabiex meta l-*area* fejn qabel kien hemm il-gass fil-Qajjenza tiġi vakanti, jiġi allokat sit għall-mużew tal-enerġija li jkun jinkludi latrini pubbliċi, parkeġġ kif ukoll post ta' rikreazzjoni. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment u għaldaqstant għandu jinħatar Kumitat magħmul mis-Sindku J.Farrugia, mill-Viċi-Sindku K.Barun u mill-Kunsillier S.Zammit, sabiex jinbeda l-proċess neċessarju.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- informa l-Kamra li l-Kunsill Lokali ġie avviċinat minn Perit mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex jibdew jiġu diskussi l-pjanti għat-tkomplija tal-*promenade* tal-Qajjenza. Il-pjanti preżentati ma kienux jirriflettu l-pjanti oriġinali u għaldaqstant is-Sindku u J.Baldacchino li kienu preżenti għal-laqgħa, wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom għall-pjanti murija u pproponew li ssir laqgħa mal-partijiet konċernati sabiex jiġi diskuss dan il-proġett. Kulħadd qabel.

- talab l-approvazzjoni tal-Kamra sabiex l-applikazzjoni għall-fondi taħt Miżura 125 (asfaltar ta' passaġġi) tkun tista' tibqa' tiġi evalwata. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li l-ammont totali li jrid jiġi kopert mill-Kunsill hu sa massimu ta' €10,000. Il-Kamra qablet li għalkemm is-sitwazzjoni finanzjarja m'hijiex daqshekk tajba xorta għandha tibqa' għaddejja b'din l-applikazzjoni.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C. Cachia:

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq *pots* fix-Xatt ta' San Ġorġ li kienu ser jitneħħew minħabba allegat periklu għal residenta partikulari. Hu saħaq li l-*pots* qegħdin fuq art pubblika biex isebbħu, għaldaqstant m'għandhomx jitneħħew. Kompla jgħid li l-*pots* m'humiex ta' periklu jew ostakolu kif allegat ir-residenta u għaldaqstant lest li jidħol responsabbli hu u l-*pots* jitħallew fil-post oriġinali tagħhom. Il-Kamra aċċettat li l-*pots* jibqgħu fejn huma dment li jkun responsabbli l-Kunsillier C.Cachia.

- informa l-Kamra li l-*bring-in-bins* ta' Triq Żarenu Dalli tneħħew temporanjament minħabba xogħol li qed isir fuq iċ-ċint tal-iskola primarja.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S. Zammit:

- informa l-Kamra li wara diversi ilmenti u suġġerimenti fuq is-sistema ta' immaniġġjar ta' traffiku f'parti minn Tal-Papa, il-kumitat tat-traffiku qabel li terġa' ssir evalwazzjoni tas-sistema fuq il-post. Kulħadd qabel.

- fis-Seduta preċedenti kien sar suġġeriment għal bdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq il-Bieqja u Triq id-Duluri. Wara evalwazzjoni l-kumitat qabel li dan it-tibdil m'għandux isir minħabba li jkun diffiċli li vetturi kbar iduru.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-*patching* u l-qtugħ ta' ħaxix f'Wied il-Qoton ma sarx kollu. Is-Sindku informa l-Kamra li ser jivverifika u jinforma l-kuntratturi rispettivi.

- issuġġerixxa li jsir sotto-kumitat sabiex tiġi diskussa x'possibbilitajiet hemm li fil-*green area* tal-Kurja fil-Qajjenza isir proġett ta' rikreazzjoni.

6. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace:

- fakkret lill-Kamra li, kif ġie miftiehem, Jum Birżebbuġa ser isir nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru 2013 ġewwa s-sala tal-iskola ta' Birżebbuġa. Talbet sabiex jinħatar kumitat minn fost il-Kunsillieri ħalli jiġi organizzat il-programm għal din is-serata. Għaldaqstant il-kumitat ser ikun kompost minn B.Pace, J.Baldacchino. K.Barun u S.Zammit. Kulħadd qabel.

- talbet sabiex jiġi ppjanat manutenzjoni fis-Sala tal-Komunita'.

7. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li minħabba problemi li ltaqa' magħhom meta mar japplika għall-*meter* tad-dawl personali, hu mhux ser japplika għall-*meters* tad-dawl għall-Kunsill Lokali f'ismu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li għalkemm il-*meters* ikunu tal-Kunsill Lokali, l-kontijiet ikunu f'isem l-applikant, f'dan il-każ is-Sindku, u għaldaqstant l-applikant ikun responsabbli minn dawk il-kontijiet għalkemm il-*meter* ma jkunx personali. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tinkiteb ittra lill-partijiet konċernati sabiex tiġi ndirizzata din il-problema.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.15pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ..................................... | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |